



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Frar 2022
(OR. en)

6256/22

COPS 64
POLMIL 31
EUMC 47
CFSP/PESC 165
CSDP/PSDC 66
COAFR 54
POLMAR 15

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6081/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill li jestendu u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-Kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Golf tal-Guinea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill li jestendu u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-Kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Golf tal-Guinea, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Frar 2022.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL LI JESTENDU U JSAĦĦU
L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNĊETT TA' PREŻENZI MARITTIMI KOORDINATI
FIL-GOLF TAL-GUINEA**

1. Il-Kunsill jirriafferma l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Golf tal-Guinea u d-determinazzjoni li ilu juri li jappoġġa lill-Istati tal-Afrika tal-Punent u tal-Afrika Ċentrali fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-ħafna sfidi għas-sigurtà marittima, inkluż l-kawżi ewlenin tal-insigurtà. L-UE hija impenjata li żżid l-appoġġ tagħha għar-reġjun, għal-livelli kollha tal-Arkitektura ta' Yaoundé u għall-Istati Kostali tal-Golf tal-Guinea.
2. Il-Kunsill jilqa' t-tnaqqis fl-inċidenti tas-sigurtà marittima fil-Golf tal-Guinea fl-2021 meta mqabbel mas-snin preċedenti bħala riżultat tal-isforzi li saru mill-Istati Kostali, l-atturi reġjonali u l-preżenza msaħħa u kontinwa tal-assi navali tal-Istati Membri tal-UE fiż-Żona ta' Interess Marittimu (MAI) tal-Golf tal-Guinea fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-kunċett tal-Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP).
3. Madankollu, il-Golf tal-Guinea għadu ambjent partikolarment diffiċli għall-baħħara, b'mod partikolari minħabba t-theddida kontinwa tal-piraterija, li taffettwa l-libertà tan-navigazzjoni u b'hekk tipperikola r-rotot kummerċjali ewlenin, tipperikola l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun kollu kif ukoll l-għajxien ekonomiku tal-popolazzjoni, u twassal għad-deterjorament tal-ambjent marittimu u l-impatt tiegħu fuq il-bijodiversità. Il-Kunsill jinnota wkoll il-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' arranġamenti adegwati għat-trasferiment ta' pirati suspettati, fi djalogu mal-Istati Kostali rilevanti.

4. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Jannar 2021 u jilqa' l-kisbiet inizjali fil-qafas tal-każ pilota tas-CMP u, f'konformità mat-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-kunċett tas-CMP, jirrikonoxxi l-opportunità għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu. Il-kunċett tas-CMP wera li huwa strument effettiv u utli, li jikkontribwixxi għas-sigurtà marittima fil-Golf tal-Guinea bħala parti mill-Approċċ Integrat tal-UE. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ u tiġi kkonsolidata preżenza marittima kontinwa fir-reġjun, li tirrifletti r-rwol dejjem akber tal-Unjoni bħala fornitur tas-sigurtà marittima, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-UNCLOS.
5. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħidma li saret miċ-Ċellula ta' Koordinazzjoni ta' Żoni ta' Interess Marittimu (MAICC) fi ħdan is-SEAE fil-faċilitazzjoni effettiva tal-koordinazzjoni tal-iskjerament tal-assi navali tal-Istati Membri tal-UE fir-reġjun, kif ukoll fil-bini ta' għarfien tas-sitwazzjoni marittima rilevanti għall-UE u l-Istati Membri tagħha billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni marittima operazzjonali permezz tal-proġett tas-Sorveljanza Marittima (MARSUR).
6. Il-Kunsill jilqa' l-ħatra ta' Koordinatur Għoli tal-UE (SC) għas-Sigurtà Marittima fil-Golf tal-Guinea, li ser jiffaċilita b'mod olistiku l-koerenza ġenerali tal-attivitajiet tal-atturi tal-UE u l-koordinazzjoni bejniethom, kif ukoll l-iżvilupp u t-tiżiħ ta' sħubiji, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija marittima. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tinkiseb sjieda mill-Istati Kostali.
7. Jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jissaħħaħ aktar il-kunċett tas-CMP. F'konformità mal-approċċ integrat tal-UE, it-tiżiħ tal-komplementarjetà mal-programmi ffinanzjati mill-UE fir-reġjun, bħall-proġett tan-Netzwerk Interreġjonali tal-Golf tal-Guinea (GoGIN) u l-pjattaforma tiegħu tal-Kondiviżjoni tal-Infurmazzjoni Reġjonali tal-Arkitettura ta' Yaoundé (YARIS), jew il-programm iffinanzjat mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), kif ukoll potenzjalment il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) barra mill-baġit, ser jikkontribwixxu għal appoġġ aħjar għall-Arkitettura ta' Yaoundé u l-Istati Kostali tal-Golf tal-Guinea.

8. Għal dak il-għan, il-Kunsill:

- jestendi l-implimentazzjoni tal-"kunċett tas-CMP fil-Golf tal-Guinea" b'sentejn;
 - ser jeżamina l-possibbiltà li jiġi applikat il-kunċett tas-CMP f'żoni ta' interess marittimu potenzjali oħra;
 - ser jerġa' lura għall-kunċett tas-CMP fil-Golf tal-Guinea sa mhux aktar tard minn Frar 2024;
 - jistenna b'interess il-kooperazzjoni mill-qrib kontinwa mal-Istati tal-Afrika tal-Punent u tal-Afrika Ċentrali, u l-organizzazzjonijiet tal-Arkitettura ta' Yaoundé biex din il-ħidma timxi 'l quddiem.
-